Nru. 18,179
Prezz/Price
€0.37 (Lm0.16)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tnejn, 28 ta' Jannar, 2008
Monday, 28th January, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 81

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 117 imsejjaħ Att ta' l-2008 li jemenda l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp.

It-28 ta' Jannar, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 81

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 117 entitled the Development Planning (Amendment) Act, 2008.

28th January, 2008

Nru. 82

MINISTERU TAL-FINANZI

Skemi ta' Għotjiet

SKOND id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 9 tan-Notifikazzjonijiet tal-Gvern kollha elenkati hawn taħt fit-taqsima 3 ta' dan l-Avviż, il-Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi, bi qbil mal-Ministru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura, qed jittrasferixxi l-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-iskemi eżistenti relatati ma' l-enerġija għall-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura u dan b'seħħ mil-1 ta' Jannar 2008. It-tifsir u d-dispożizzjonijiet kollha taħt dawn l-iskemi għandhom jibqgħu fis-seħħ ħlief fejn issir riferenza għall-Ministeru tal-Finanzi li issa, mill-1 ta' Jannar, 2008, din għandha tirreferi għall-Ministeru responsabbli għar-Riżorsi u l-Infrastuttura.

2. Għalhekk ukoll b'seħħ mil-1 ta' Jannar, 2008, formoli ta' l-applikazzjoni, inklużi d-dokumenti meħtieġa, għandhom jiġu sottomessi lill-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, Millenia Buildings, Triq Aldo Moro, Marsa. Il-formuli ta' l-applikazzjoni jistgħu jinkisbu mill-*website* www.mra.org.mt

No. 82

MINISTRY OF FINANCE

Grant of Schemes

IN accordance with the provisions of paragraph 9 of the Government Notices listed hereunder under section 3 of this Notice, the Prime Minister and Minister of Finance, in agreement with the Minister for Resources and Infrastructure, is hereby transferring the implementation and administration of all existing schemes related to energy to the Ministry for Resources and Infrastructure with effect from 1 January 2008. All the interpretations and provisions under these schemes shall continue to apply, except where reference is made to the Ministry responsible for Finance which instead is, as from the 1 January 2008, to refer to the Ministry responsible for Resources and Infrastructure.

2. Therefore as from the 1st January, 2008 application forms, including all the requested documents, are to be submitted to the Malta Resources Authority, Millenia Buildings Aldo Moro Street, Marsa. Application forms are available on www.mra.org.mt.

3. Il-lista tan-Notifikazzjonijiet tal-Gvern hija din li ġejja:-

(i) Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 203, Skemi A u B, intitolat 'Għotja ta' Darba fuq Xiri ta' Karozzi li jaħdmu bl-Elettriku u fuq Xiri ta' *Solar Heating Energy Savers* għal Użu Domestiku u li deher fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-1 ta' Marzu, 2005;

(ii) Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 55, intitolat 'Għotja ta' Darba fuq Xiri ta' *Solar Heating Energy Savers* għal Użu Domestiku' u li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tas-17 ta' Jannar 2006 sabiex jemenda l-Avviż numru 203 Skema B ta' l-1 ta' Marzu, 2005;

(iii) Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 135, Skemi A u B, intitolat 'Għotja ta' Darba fuq Xiri ta' Sistemi Fotovoltajki għal Użu Domestiku u fuq Xiri ta' Materjal ta' Insulazzjoni Termika għall-Bjut ta' Residenzi Domestiċi' u li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta' Frar 2006;

iv) Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 136, intitolat 'Għotja ta' Darba fuq Xiri ta' Sistemi li jużaw l-Enerġija mir-Riħ għal Użu Domestiku' u li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tad-9 ta' Frar, 2006;

(v) Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1026, intitolat 'Għotja fuq Xiri ta' Apparat għal Użu Domestiku li jkun Ċertifikat li huwa Effiċjenti fl-Użu u fil-Konsum ta' l-Enerġija' u li deher fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Diċembru, 2006.

It-28 ta' Jannar, 2008

Nru. 83

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-INTERN

Bord ta' Viżitaturi għal Persuni Detenuti

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skond l-Avviż Legali 266 ta' 2007 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Settembru, 2007, il-Bord ta' Viżitaturi għal Persuni Detenuti ġie rikostitwit kif ġej għal żmien sena sal-31 ta' Diċembru, 2008.

Chairman
Is-Sur Herbert Agius

Membri
Is-Sur Charles Micallef
Ms Maryanne Agius

Segretarju
Is-Sur George Vella

It-28 ta' Jannar, 2008

3. The list of Government Notices is the following:-

(i) Government Notice No. 203, Schemes A and B, entitled 'A Once-Only Grant on the Purchase of Electric-powered Cars and Solar Heating Energy Savers for Domestic Use' and published in the Government Gazette of the 1st March, 2005;

(ii) Government Notice No. 55, entitled 'A Once-Only Grant on the Purchase of Solar Heating Energy Savers for Domestic Use', published in the Government Gazette of the 17th January, 2006 in order to amend Government Notice No. 203 Scheme B of the 1st March, 2005;

(iii) Government Notice No. 135, Schemes A and B, entitled 'A Once-Only Grant on the Purchase of Photovoltaic Systems for Domestic Use and on the Purchase of Thermal Roof Insulation Materials for Roofs of Domestic Residences' and published in the Government Gazette of the 9th February, 2006;

(iv) Government Notice No. 136, entitled 'A Once-Only Grant on the Purchase of Wind Energy Systems for Domestic Use' and published in the Government Gazette of the 9th February, 2006;

(v) Government Notice No. 1026, entitled 'Grant on the Purchase of Household Appliances for Domestic Use Certified as Being Efficient in the Use and Consumption of Energy' and published in the Government Gazette of the 5th December, 2006.

28th January, 2008

No. 83

MINISTRY FOR JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Board of Visitors for Detained Persons

IT is hereby notified for general information that, according to Legal Notice 266 of 2007 published in the Government Gazette dated 18th September, 2007, the Board of Visitors for Detained Persons has been reconstituted for a period of time of one year up till 31st December, 2008.

Chairman
Mr Herbert Agius

Members
Mr Charles Micallef
Ms Maryanne Agius

Secretary
Mr George Vella

28th January, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 4

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa projbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħal Għaxaq

Nhar il-Ħadd it-3 ta' Frar 2008, nhar it-Tnejn l-4 ta' Frar 2008 u nhar it-Tlieta l-5 ta' Frar 2008 mis-7.00 p.m. sa nofsillejl minn Triq Santa Marija minn Triq Santu Rokku sa Triq Santa Tereża.

Nhar it-Tnejn, l-4 ta' Frar 2008 mis-7.00 p.m. sa l-10.00 p.m. minn Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq Santa Tereża sa Triq Gudja.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż huma soġġetti li jiġu rmunkati.

It-28 ta' Jannar, 2008

POLICE NOTICE

No. 4

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder is prohibited on the dates and times indicated.

Għaxaq

On Sunday 3rd February 2008, Monday 4th February 2008 and Tuesday 5th February 2008 from 7.00 p.m. to midnight through Triq Santa Marija from Triq Santu Rokku up to Triq Santa Tereża.

On Monday, 4th February 2008, from 7.00 p.m. to 10.00 p.m. through Triq Santa Marija corner with Triq Santa Tereża up to Triq Gudja.

Vehicles found in contravention of this notice are liable to be towed.

28th January, 2008

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 5

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-toroq imsemmija hawn taħt se jkunu meqjusa bħala Żona ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-passaġġ u twaqqif ta' vetturi huwa pprojbit fit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

In-Naxxar

Nhar l-Erbgħa, l-20 ta' Frar 2008, mill-4.00 p.m. sad-9.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, Castro, Emanuel Debono, San Ġorġ, Leli Falzon u l-Kbira.

Nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Marzu 2008, mill-4.00 p.m. sa l-10.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, Żenqa u Santa Luċija.

Nhar il-Ġimgħa, il-21 ta' Marzu 2008, mit-3.00 p.m. sal-11.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, Żenqa u Santa Luċija.

POLICE NOTICE

No. 5

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the dates and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Naxxar

On Wednesday, 20th February 2008, from 4.00 p.m. till 9.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, Castro, Emanuel Debono, San Ġorġ, Leli Falzon and il-Kbira.

On Friday, 14th March 2008, from 4.00 p.m. till 10.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, Żenqa and Santa Luċija.

On Friday, 21st March 2008, from 3.00 p.m. till 11.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, il-Kbira, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, Żenqa and Santa Luċija.

Nhar il-Ħadd, it-23 ta' Marzu 2008, mit-8.00 p.m. sas-1.00 p.m. mit-toroq li ġejjin: Pjazza Vittorja, il-Parroċċa, Emanuel Debono, Leli Falzon, Ġużeppi Stivala, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, Żenqa u Santa Luċija.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu soġġetti li jiġu rmunkati.

It-28 ta' Jannar, 2008

MINISTERU TAL-FINANZI

Regolamenti għal Lotterija ta' l-Irċevuti Fiskali

Kif issir il-Lotterija

(a) Għandha ssir Lotterija darba kull xahar għall-irċevuti fiskali maħruġa bil-*Cash Registers*, jew mekkaniżmi oħra mqabbda ma' xi sistema kompjuterizzata, approvati mid-Dipartiment tal-V.A.T., u għall-irċevuti fiskali maħruġa bl-idejn.

(b) Din il-Lotterija titla' kull nhar il-ħmistax (15) tax-xahar. Jekk il-ħmistax tax-xahar ikun is-Sibt, il-Ħadd jew Festa Pubblika, it-tlugħ isir fl-ewwel ġurnata tax-xogħol li jkun imiss, bejn it-Tnejn u l-Ġimgħa. Il-ħin u l-post tat-tlugħ jiġi ffissat minn żmien għal żmien mid-Direttur tal-Lotteriji.

(ċ) Dan it-tlugħ isir taħt is-superviżjoni ta' Bord magħmul minn rappreżentanti tan-Nutar tal-Gvern, tad-Dipartiment tal-V.A.T., tad-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku u rappreżentant tal-pubbliku magħżul għal dan il-għan mill-Ministru responsabbli għall-Finanzi. Rappreżentant ta' l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika jattendi wkoll għat-tlugħ bħala osservatur.

(d) F'din il-Lotterija jieħdu sehem dawk l-irċevuti fiskali maħruġa bil-*Cash Registers*, jew mekkaniżmi oħra mqabbda ma' xi sistema kompjuterizzata, approvati mid-Dipartiment tal-V.A.T., u l-irċevuti fiskali maħruġa bl-idejn, tax-xahar preċedenti. B'hekk, per eżempju, it-tlugħ li jsir fix-xahar ta' Frar ikun validu biss għall-irċevuti maħruġa tul ix-xahar ta' Jannar.

(e) Huma validi għal din il-Lotterija l-irċevuti oriġinali biss u li jkunu juru d-dettalji kollha meħtieġa skond l-Att ta' l-1998 dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Miżjud u r-Regolamenti maħruġa taħt l-istess Att. Irċevuti li ma jkunux hekk ma jiġux ikkunsidrati validi f'każ ta' rebħ.

(f) Il-fondi allokati bħala premjijiet f'din il-Lotterija huma ta' €58,234, jew kwalunkwe ammont ieħor li minn żmien għal żmien jiġi deċiż mill-Ministru responsabbli għall-Finanzi.

On Sunday, 23rd March 2008, from 8.00 a.m. till 1.00 p.m. through the following streets: Pjazza Vittorja, il-Parroċċa, Emanuel Debono, Leli Falzon, Ġużeppi Stivala, l-Imdina, is-Salib, il-Ġdida, tal-Labour, Vjal il-21 ta' Settembru, Żenqa and Santa Luċija.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

28th January, 2008

MINISTRY OF FINANCE

Regulations for Fiscal Receipts Lottery

Conditions regulating the Lottery

(a) The Lottery is drawn once a month and shall include fiscal receipts issued by means of fiscal cash registers or by means of other devices connected to a computer system approved by the VAT Department, and fiscal receipts issued manually.

(b) The Lottery shall be drawn on the fifteenth (15) day of each month. If the fifteenth day of the month falls on a Saturday, a Sunday or a Public Holiday, the draw shall be made on the following first working day between Monday and Friday. The date and place of the draw shall be established by the Director of Lotteries from time to time.

(c) The draw shall be made under the supervision of a Board made up of representatives of the Notary to Government, the VAT Department, the Public Lotto Department and a representative of the general public appointed for this purpose by the Minister responsible for Finance. A representative from the National Audit Office shall also attend for the draws as an observer.

(d) Only fiscal receipts issued by means of fiscal cash registers or other devices connected to a computer system approved by the VAT Department and fiscal receipts issued manually, during the preceding month shall be eligible to participate in the Lottery. For example, only fiscal receipts issued during the month of January shall be eligible to participate in the draw held in February.

(e) Only original receipts which contain the information specified in the Value Added Tax Act, 1998 and regulations made under that Act, shall be eligible to participate in the draw. Any other receipts shall be considered invalid if drawn.

(f) The allocated prize fund for this lottery shall be of €58,234, or any other amount which the Minister responsible for Finance may establish from time to time.

(g) L-estrazzjoni ta' l-irċevuti rebbieħa għandha ssir minn urna jew urni li jinsabu fid-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku.

(h) Ir-rebħ isir billi l-irċevuta estratta tiġi dikjarata valida, u wara, il-valur ta' l-irċevuta u cioè t-total ta' l-ammont aħħari li għandu jitħallas, jiġi multiplikat b'mija (x100). B'hekk l-irċevuta ta' valur ta' €23.29 tiġi multiplikata b'mija (x100) u r-rebbieħ jieħu €2,329. Irċevuta ta' €11.65 (x 100) trebbħek €1,165.

(i) Kull irċevuta rebbieħa trid tirbaħ minimu ta' €233 iżda ma tistax tirbaħ aktar minn massimu ta' €11,647. B'hekk l-irċevuti sa valur ta' €2.33 jirbħu €233 iżda rċevuta ta' €139.76 tirbaħ €11,647 u mhux €13,976.

(j) Jibqa' jsir tlugħ għar-rebħ sakemm is-somma totali tilħaq €58,234. L-aħħar irċevuta estratta li tkun valida, qabel jintlaħaq il-massimu tas-somma ta' €58,234 allokata għall-premjijiet, iżda li bl-ammont ta' rebħ tagħha jinqabeż is-somma ta' €58,234 tkun trid tiġi onorata.

(k) L-irċevuti mhux rebbieħa għandhom jiġu distrutti mid-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku fi żmien raġonevoli mid-data tat-tlugħ ta' kull lotterija

Kif wieħed jieħu sehem fil-Lotterija

1. Biex wieħed jieħu sehem fil-lotterija għandu jżomm l-irċevuti oriġinali kollha ta' kull xahar partikulari.

2. Fuq wara ta' kull irċevuta, il-parteċipant irid jikteb b'mod ċar u li jinqara ismu u kunjomu, in-numru tal-Karta ta' l-Identità u, jekk irid, l-indirizz sħiħ u n-numru tat-telefon.

3. Fil-bidu tax-xaħar ta' wara, iżda mhux aktar tard minn nofsinhar tal-għaxar (10) ġurnata tax-xahar, il-parteċipant għandu jibgħat jew iwassal l-envelop bl-irċevuti tiegħu kollha lid-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku.

4. Envelops bl-irċevuti li jaslu fid-Dipartiment tal-Lottu wara il-ħin ta' l-għeluq ta' l-għaxra (10) tax-xahar ma jiġux ikkunsidrati validi għat-tlugħ li jkun imiss.

5. Meta l-għaxra (10) tax-xahar ikun il-Ħadd jew Festa Pubblika, id-data sakemm id-Dipartiment jista' jirċievi envelops bl-irċevuti tiġi estiża sa nofsinhar ta' l-ewwel ġurnata tax-xogħol li jmiss.

6. L-Envelops bl-irċevuti kollha li jirċievi id-Direttur tal-Lotteriji sa nofs in-nhar ta' l-għaxra (10) ta' kull xahar jew kif indikat f'paragrafu 5 jiġu mitfugħa f'kaxxa jew kaxxi

(g) The draw of the winning receipts shall be made from an urn or urns located at the Department of Public Lotto.

(h) A win shall be determined by the drawn receipt being declared valid, and afterwards, the value of the receipt, namely the total final amount payable, shall be multiplied by one hundred (x 100). In this respect, a receipt having a value of €23.29 shall be multiplied by one hundred (x 100) and the prize will be €2,329. A receipt for €11.65 shall entitle the winner to a prize of €1,165.

(i) Each winning receipt shall entitle the winner to a minimum prize of €233 but such entitlement shall be limited to a maximum of €11,647. In this respect, receipts with a value of up to €2.33 shall entitle the winner to a prize of €233, but a winning receipt with a value of €139.76 shall entitle the winner to a prize of only €11,647 and not €13,976.

(j) Receipts will continue to be drawn until the total prize fund of €58,234 is reached. The last valid receipt drawn before the maximum total of €58,234 allocated to the prize fund is reached shall be honoured, even if by the draw of this last receipt, the allocated sum of €58,234 is exceeded.

(k) Undrawn receipts shall be destroyed by the Department of Public Lotto within a reasonable time from the date of each draw.

How to participate in the Lottery

1. In order to participate, one should retain all the original receipts of each particular month.

2. On the reverse side of each receipt, the participant should write his name, surname and Identity Card Number in a clear and legible manner, and if he so desires, his full address and telephone number.

3. At the beginning of the following month, and in any case not later than noon of the tenth (10) day of that month, the participant should post or deliver to the Department of Public Lotto, an envelope containing all his receipts.

4. Envelopes containing receipts which are received at the Department of Public Lotto after the closing time of the tenth (10) of the month shall not be considered valid for the next draw.

5. Where the tenth (10) of the month falls on a Sunday or Public Holiday, the date on which the Department may receive envelopes containing receipts shall be extended to 12 noon of the first working day following that Sunday or Public Holiday.

6. All the envelopes containing receipts which are received by the Director of Lotteries up to 12 noon of the tenth (10) of each month or as indicated in paragraph 5, shall be put in

għal dan l-iskop, liema kaxxa jew kaxxi jkunu ssiġillati u miżmuma fid-Dipartiment.

7. Fil-ħdax (11) ta' kull xahar jew il-ġurnata ta' wara d-data ta' l-għeluq skond paragrafu 5, l-irċevuti ta' l-envelops kollha li jkunu ntefgħu fil-kaxxa jew kaxxi jiġu mitfugħa fl-urna jew urni, liema urna tiġi ssiġillata.

8. Wara li jsir it-tlugħ, ir-rebbieħa jirċievu l-premju permezz ta' ittra rreġistrata mibgħuta mid-Dipartiment tal-Lottu Pubbliku.

9. Kull rebħ irreġistrat fit-tlugħ tal-Lotterija jixxandar pubblikament permezz tal-gazzetti u mezzi oħra tax-xandir.

10. Premjijiet li ma jinġabrux u/jew fejn l-identità tar-rebbieħ ma tkunx tingħaraf, imorru f'Fond speċjali u dawn jitqassmu skond kif jista' jordna l-Ministru tal-Finanzi.

It-28 ta' Jannar, 2008

THE QUALITY ASSURANCE
INITIATIVE ADJUDICATING COMMITTEE

Merit Award Scheme - 2008

Il-Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee (Audit Committee) fi ħdan id-Diviżjoni tas-Saħħa jilqa' applikazzjonijiet għall-proposti għas-Sena 2008 mingħand uffiċjali mediċi eliġibbli mill-kategoriji ta' *Chairman*/Direttur Kliniku, Konsulent, *Senior Registrar,* Uffiċjal Mediku Prinċipali u Tabib tal-Familja, impjegati fis-Setturi tas-Saħħa, inklużi dawk impjegati mill-Ministeru ta' Għawdex u d-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi Komunitarji.

L-applikazzjonijiet għandhom isiru fuq formoli apposta u għandhom jaslu fl-Uffiċċju tal-QAIAC fil-bini tal-Ministeru tas-Saħħa, Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 2000 sa mhux aktar tard minn nofsinhar, il-Ġimgħa, id-29 ta' Frar 2008. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Tobba eliġibbli jistgħu jiksbu kopja tal-formola ta' l-applikazzjoni u kundizzjonijiet mill-*website* tad-Diviżjoni tas-Saħħa http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=960 jew DH Cir. Nru. 6/08. Għal iżjed tagħrif jistgħu jikkuntattjaw lis-Segretarju Eżekuttiv fl-Uffiċċju tal-QAIAC fuq in-numru tat-telefon 22992373.

Dan l-avviż iħassar dak ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,178 tal-25 ta' Jannar, 2008.

It-28 ta' Jannar, 2008

a box or boxes reserved for this purpose. Such box or boxes shall be sealed and kept within the Department.

7. On the eleventh (11) day of each month or on the day following the closing date in terms of paragraph 5, all the receipts in the envelopes shall be transferred to a sealed urn or sealed urns.

8. After the draw, the winners will receive the prize by Registered Mail from the Public Lotto Department.

9. All wins registered in a draw shall be publicly broadcast through the media.

10. Prizes which are not collected and/or where the identity of the staker of a winning receipt cannot be ascertained, shall be transferred to a special Fund and will be disposed of as the Minister responsible for Finance may direct.

28th January, 2008

THE QUALITY ASSURANCE
INITIATIVE ADJUDICATING COMMITTEE

Merit Award Scheme – 2008

The Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee (Merit Award Committee) within the Health Division invites applications for proposals for 2008 from eligible medical officers from the categories of Clinical Chairman/Director, Consultant, Senior Registrar, Principal Medical Officer and General Practitioner employed in the Health Sectors, including those employed by the Ministry for Gozo and the Department for the Elderly and Community Services.

Applications on the designated forms should reach the Office of the QAIAC at The Ministry of Health, Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 2000 by not later than noon, Friday, 29th February 2008. Late applications will not be considered.

Eligible officers may obtain a copy of the Call for Proposals and relative application form from the Health website http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=960 or from the DH Circular No. 6/08. Further information may be obtained from the Executive Secretary at the QAIAC Office on telephone number 22992373.

This notice supercedes the one published in the Government Gazette No. 18,178 of the 25th January, 2008.

28th January, 2008

AWTORITÀ MALTIJA GĦAL *STANDARDS*

Abbozz ta' Standard Malti għall-Kummenti tal-Pubbliku

Abbozz ta' *Standard DMS 2000 "Biotechnology - Control of Public Health Pests - Operators' Management System Requirements"* ġie ppreparat mill-Kumitat Tekniku MSA/TC 2000 u jista' jinkiseb mill:-

Awtorità Maltija għal *Standards*
Direttorat ta' l-Istandardizzazzjoni
It-Tieni Sular, Binja Evans,
Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1179
Tel: 21 242420
Fax: 21 242406
e-mail: info@msa.org.mt
url: www.msa.org.mt

Kummenti jintlaqgħu sal-4 ta' April 2008 biex ikunu kkunsidrati mill-Kumitat Tekniku msemmi hawn fuq. L-Abbozz ta' *Standard* jista' jkun modifikat qabel ma jinħareġ bħala *Standard* Malti.

It-28 ta' Jannar, 2008

MALTA STANDARDS AUTHORITY

Draft Maltese Standard for Public Comment

Draft standard DMS 2000 "Biotechnology - Control of Public Health Pests - Operators' Management System Requirements" has been prepared by Technical Committee MSA/TC 2000 and is available from:-

Malta Standards Authority
Standardization Directorate
Second Floor, Evans Building
Merchants Street, Valletta VLT 1179
Tel: 21 242420
Fax: 21 242406
e-mail: info@msa.org.mt
url: www.msa.org.mt

Comments are welcome up to 4th April 2008 to be considered by the above mentioned Technical Committee. The Draft Standard may be modified before being issued as a Maltese Standard.

28th January, 2008

WASTESERV MALTA LTD

Lista ta' offerti/kwotazzjonijiet mogħtija mill-Wasteserv Malta Ltd matul il-perijodu bejn l-1 ta' Lulju u l-31 ta' Diċembru, 2007.

WASTESERV MALTA LTD

List of tenders/quotations awarded by Wasteserv Malta Ltd during the period between 1st July and 31st December, 2007.

Isem tal-Kuntrattur *Name of Supplier*	Suġġett *Subject*
Messrs Greenlines Environmental Services Ltd	Purchase of waste recycling containers to be placed in schools (quotation)
Messrs D.D.E. Attard Ltd	Works and services at the Civil Abattoir incinerator
Messrs Greenlines Environmental Services Ltd	Procurement of 1100ltrs clinical waste containers
Messrs D.D.E. Attard Limited	Packaging, transport, decontamination, ownership and disposal of asbestos containing material from Civic Amenity Sites
Messrs Secretarial Services Limited	Provision of clerical support staff to perform duties in Malta
Messrs Secretarial Services Limited	Provision of clerical support staff to perform duties in Gozo
Messrs Ciapella Motors Ltd	Supply and delivery of a second hand Land Rover
Messrs Burmarrad Commercials Ltd	Provision of a single cab van with crane (quotation)
Messrs Schembri Infrastructure Ltd	Construction of an Underground Bring-In Site at Msida and Fgura
Messrs Datatrak IT Services Ltd	Period contract for the provision of land surveying services
Messrs Polidano Brothers Limited (Eco Ways)	Installation works for the landfill engineered lining system (Direct Contract)
Messrs Calamatta Ltd	Fertilization of soil, supply, planting of trees and shrubs and aftercare maintenance and design and installation of an irrigation system at Ħal Far CA site
Messrs TAHAL Consulting Engineers Ltd	Hydrological study to be carried out in the area of the Sant'Antnin Family Park (Proposal)

It-28 ta' Jannar, 2008

28th January, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

146

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili, b'digriet ta' nhar il-15 ta' Jannar, 2008 ordnat il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid ta' Yazmine Mizzi li jġib in-numru 2903 tas-sena 2003 fis-sens illi fil-kolonna intestata 'Ismijiet mogħtijin' u fil-kolonna intestata 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa l-isem 'Yasmine' jiġi sostitwit b'dak ta' 'Yazmine'.

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili
Illum, nhar il-Ħamis, l-24 ta' Jannar, 2008.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni tal-Atti Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 15th January, 2008, ordered the correction of the Act of Birth of Yazmine Mizzi, bearing number 2903 of the year 2003 in the sense that in the column entitled 'Names given' and in the column entitled 'Name or names by which the child is to be called' the name 'Yasmine' is substituted with the name 'Yazmine'.

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts
Today, Thursday 24th January, 2008.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.
F/ Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

147

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili, b'digriet ta' nhar il-15 ta' Jannar, 2008 ordnat il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid ta' Louis Cilia li jġib in-numru 6634 tas-sena 1943 fis-sens illi fil-kolonna intestata 'Ismijiet mogħtijin' l-isem 'Lewis' jiġi kanċellat u sostitwit b'dak ta' 'Louis'.

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili
Illum, nhar il-Ħamis, 24 ta' Jannar, 2008.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.
Għar-Reġistratur, Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 15th January, 2008, ordered the correction of the Act of Birth of Louis Cilia, bearing number 6634 of the year 1943 in the sense that in the column entitled 'Names given' the name 'Lewis' is cancelled and substituted with the name 'Louis'.

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts
Today, Thursday, 24th January, 2008.

MARIO MIFSUD, B.A., D.L.I.S.
F/ Registrar, Court of Revision of Notarial Acts

148

Ikun jaf kulħadd, illi b'digriet tat-18 ta' Jannar, 2008, mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, dina l-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni ta' l-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skond l-artiklu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim Awla fl-10 ta' Mejju 2005, minn Carmel Sant (KI 219854) qed jintalab il-Bejgħ bl-Irkant ta':

Il-fond numru 3, l-ewwel sular, bla isem, mibnijin fuq plots 281, 282, Main Street, Balzan, stmat li jiswa €111,809.92 (Lm48,000), u garaxx numru 3 level 01, sottostanti l-istess apartamenti, smat li jiswa €18,634.99 (Lm8,000).

L-imsemmi fond hi propjetà ta' La Palma Imports Company Limited.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 23 ta' Jannar, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree given on the 18th January, 2008 by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

By the application filed in the Civil Court First Hall on 10th May 2005 by Carmel Sant (ID 219854M), is being asked that the Court orders the Sale by Auction of the:

The property numbered 3, on the first floor, built on plots 281, 282, Main Street, Balzan, valued at €111,809.92 (Lm48,000) and the garage numbered 3 level 01, underlying the same apartments, valued at €18,634.99 (Lm8,000).

The said tenement is the property of La Palma Imports Company Limited.

Registry of the Superior Courts, this 23rd January, 2008.

ALAN K. ZERAFA, B.A. (HONS), M.A.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bil-lira Maltija huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in Maltese lira are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*